MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 673/1989/1

**Joseph Borg f'ismu proprio u fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Marks and Charles Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess.**

**vs.**

**Joseph Pace fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Terry Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Gunju 1989 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif

diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef G Mifsud Bonnici fejn gie premess:-

Illi l-konvenut *nomine* hareg kontra l-attur *proprio et nomine* zewg mandati kawtelatorji u cioe` ta' impediment ta' safar kontra persuna u ta' sekwestru li jgibu n-numri rispettivi 1225/89 u 1226/89.

Illi f'dawn il-mandati l-konvenut *nomine* jaghmel riferenza ghall-mandat ta' inibizzjoni numru 6/89 degretat fl-20 ta' April 1989 mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fejn l-istess konvenut *nomine* gie inibit milli jbiegh, jassenja jew b'xi mod jittrasferixxi l-artijiet minn Ta' Zilfa jew Ta' Beligna fil-limiti tal-Fgura ghal dawk ir-ragunijiet hemm premessi.

Illi l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni numru 6/89 fl-ismijiet **"Joseph Borg *proprio et nomine* vs Joseph Pace"** gie appuntat ghas-smigh; instemghet ix-xhieda kollha opportuna sia tal-attur kif ukoll tal-konvenut liema xhieda gew ukoll kontro-ezaminati; saret it-trattazzjoni orali u dan kif jirrizulta mill-istess atti processwali.

Illi l-istess konvenut qieghed jallega fl-istess mandati kawtelatorji 1225/89 u 1226/89 illi l-mandat ta' inibizzjoni hareg b'qerq u konsegwentement qed isofri d-danni.

Illi din l-allegazzjoni hija manifestament u unikament vessatorja *di fronte* l-attur *proprio et nomine*.

Illi huma dawn l-imsemmija mandati kawtelatorji numru 1225/89 u 1226/89 li nhargu ingustament u b'qerq kif jirrizulta mill-atti processwali tal-mandat ta' inibizzjoni u kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut *stante* li hareg il-mandat ta' impediment ta' safar kontra persuna numru 1225/89 b'qerq ghandu jigi kkundannat ihallas penali skont il-ligi.

Illi l-attur diga` ghamel xi preparamenti sabiex isiefer fuq negozju u ghalhekk dawn il-mandati kawtelatorji qed jirrekawlu danni ingenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti *nomine* jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-mandati kawtelatorji 1225/89 w 1226/89 ta' impediment ta' safar kontra persuna u ta' sekwestru rispettivament hargu ingustament vessatorjament u b'qerq.

2. Tordna r-revoka *kontrario imperio* tal-mandati kawtelatorji numri 1225/89 u 1226/89 u okkorrendo tordna l-hrug tal-kontro-mandati opportuni.

3. Tikkundanna l-konvenut *nomine* jhallas penali *a tenur* tal-**artikolu 866 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li din l-Qorti jidhrilha xierqa skont ic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut *nomine* ghas-subizzjoni. B'riserva ghal kull azzjoni ohra li l-attur *proprio et nomine* jista' jkollu kontra l-konvenut *nomine*.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi *proprio et nomine*.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-4 ta' Lulju 1989.

Rat in-nota ta l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* datata 10 ta' Lulju 1989 a fol. 17 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-azjoni attrici ghar-revoka tal-imsemmija Mandati ta' Sekwestru u Impediment ta' Safar minhabba qerq ma hijiex legalment sostenibbli ghal diversi ragunijiet.

(2) Illi l-esponent hija socjeta` "*anonyme*" u ghalhekk huwa inkoncepibbli illi tista' taghmel attijiet *ex delicto multo magis* b'qerq cioe` b'*dolo*.

(3) Illi *inoltre* l-istess attur talab u ottjena l-hrug ta' kontro-mandat wara li ghamel il-kawtela mehtiega u ghalhekk illum il-meritu tat-tieni talba huwa ezawrit.

(4) Illi *inoltre* c-citazzjoni hija nulla mhux biss ghaliex ma tindikax b'mod car l-ismijiet tal-Mandati impunjati izda wkoll ma hemmx spjegat ghal liema Mandati n-Numri imsemmija fit-talbiet jirriferu u fil-fatt dawn il-mandati nhargu kontra persuni differenti.

(5) Illi minghajr pregudizzju tal-premess mhux minnu illi l-esponent ottjena l-hrug ta' dawn il-mandati b'qerq izda nhargu skont il-ligi biex jikkawtelaw il-pretensjoni tieghu ghall-hlas ta' danni sofferti bil-hrug da parti tal-attur ta' Mandat ta' Inibizjoni b'qerq.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 18 u 19 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-20 ta' Lulju 1989 (fol 30) fejn il-kawza marret *sine die*.

Rat ir-rikors ta' Joseph Borg *pro et noe* datat 21 ta' Lulju 1989 a fol 44 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tirrikjama l-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat li l-kawza regghet giet imqieghda ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta' Ottubru 1989.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph D. Camilleri fis-7 ta' Novembru 1991 (fol 58) fejn il-Qorti ssosstitwiet ghal bhala perit legali lil Dr. (illum l-Onorevoli Mhallef Alberto Magri b' Dr. (illum l-Onorevoli Mhallef) Giannino Garuana Demajo bl-istess inkarigu u fakolta` tal-perit precedenti salvi d-drittijiet spettanti lilu; u tat-30 ta' Jannar 1995 fejn il-Qorti ssostitwiet ghall-Perit Legali Dr. (illum l-Onorevoli Mhallef) Giannino Caruana Demajo, lil Dr. (illum l-Onorevoli Mhallef) Tonio Mallia bl-istess inkarigu u fakoltajiet tal-perit precedenti.

Rat in-nota ta' tal-attur *proprio et nomine* datata 31 ta' Dicembru 1997 a fol 116 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo sad-data tad-29 ta' Jannar 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna sad- 9 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri sad-data tat-28 ta' Ottubru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-15 ta' Frar 2006 fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta' Joseph Borg *pro et noe* datata 26 ta' April 2006 a fol 161 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tappunta l-kawza; u l-Qorti, wara li rat in-nota datata 5 ta' Mejju 2006 laqghet it-talba u rriappuntat din il-kawza ghas-smigh ghat-12 ta' Ottubru 2006.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Joseph Borg (ID 163037M) *pro et noe* datata 18 ta' Gunju 2008 a fol 203 tal-process.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Borg proprio et nomine vs Joseph Pace nomine"** (Citaz.Nru. 512/89/NC) datata 6 ta' April 2006 (fol. 173).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2010 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Edward Debono ghall-attur Joseph Borg li rrileva li l-artikolu rilevanti llum huwa Art.836(8) tal-Kap 12. Dr. Keith Bonnici msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Gunju 2010

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attur *proprio et nomine* qieghed jitlob lil din il-Qorti illi zewg mandati kawtelatorji mahruga kontra tieghu mill-konvenut *nomine* u senjatament il-mandat ta' impediment ta' safar fl-ismijiet **Joseph Pace noe vs Joseph Borg** bin-numru 1225/89 u l-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet bin-numru 1226/89 hargu vessatorjament u b'qerq. L-attur qieghed jitlob ukoll illi dawn iz-zewg mandati jigu revokati u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas il-penali skont il-ligi – skont l-**artikolu 866(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, liema artikolu huwa llum emendat.

Illi min-naha tieghu, il-konvenut jiddefendi ruhu mit-talbiet attrici b'numru ta' eccezzjonijiet: (1) jecepixxi illi peress illi s-socjeta` Terry Limited hija socjeta` *anonyme*, din ma tistax taghmel atti *ex delicto* iktar u iktar b'qerq jew b'dolo; (2) illi l-attur fil-fatt diga` talab u ottjena l-hrug tal-kontro-mandat wara li ghamel il-kawtela mehtiega; (3) jecepixxi ukoll in-nullita` tac-citazzjoni peress illi l-mandati mhumiex indikati b'isimhom u u mhux spjegat ghal liema mandati in-numri qeghdin jirreferu; u (4) jecepixxi wkoll illi l-konvenut ma ottjeniex il-hrug ta' dawn il-mandati b'qerq.

Illi permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu, il-konvenut jecepixxi illi c-citazzjoni hija nulla in kwantu l-mandati mhumiex indikati b'isimhom u mhux spjegat ghal liema mandat in-numri qeghdin jirreferu.

Illi f'dan is-sens, il-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 789 (1) tal-Kap. 12** li jipprovdi car illi:-

*“L-eccezzjoni ta’ nullità ta’ l-atti gudizzjarji tista’ tinghata –*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta’ nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort’ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta’ nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ma tkunx tista’ tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.”*

Illi jidher car illi r-raguni li fuqha l-konvenut qieghed isejjes l-eccezzjoni ta’ nullita` ma taqax taht wahda mir-ragunijiet mghotija fil-ligi permezz tal-**artikolu 789 tal-Kap. 12**. Ara f’dan is-sens fost ohrajn is-sentenzi fl-ismijiet **“Anthony Pace vs Frances sive Franca Camilleri”** (Qorti tal-Magistati (Ghawdex) (P.C.) – 26 ta’ Marzu 2009); u **“Dr. Harry Vassallo vs L-Onorevoli Prim’Ministru”** (P.A.) (Sede Kostituzzjonali) (J.R.M.) – 9 ta’ Ottubru 2001).

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni hija insostenibbli, qieghda ghalhekk tigi michuda u l-Qorti sejra tghaddi biex taghmel kunsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-kaz.

Illi fl-ewwel lok u qabel ma l-Qorti tghaddi ghall-kunsiderazzjonijiet fil-mertu, il-Qorti tinnota illi z-zewg mandati mertu ta’ din il-kawza m’ghadhomx fis-sehh (ara il-verbal tas-seduta tal- 11 ta’ Novembru 2008 a fol 206) u allura it-tieni talba attrici hija ezawrita. Ghalhekk il-kunsiderazzjonijiet illi ser tghaddi biex taghmel il-Qorti jirrigwardaw l-ewwel u t-tielet talbiet attrici u cioe` jekk

jirrizultax illi l-mandati *de quo* hargux ingustament, b'vessatorjeta u b'qerq jew le; u jekk il-konvenut ghandux ikun ikkundannat ihallas il-penali a tenur tal-hemm citat u dak iz-zmien vigenti u cjoe' l-**artikolu 866 (1) tal-Kap. 12** li dak iz-zmien kien jaqra:-

*"(1) Jekk jinsab li l-mandat ta' impediment tas-safar gie miksub mir-rikorrenti fuq talba maghmula bil-qerq, huwa jigi ikkundannat ghall-hlas ta' penali f'somma li tiffissa l-qorti, skond ic-cirkostanzi".*

*"(3) Il-penali fl-ebda kaz m'ghandha tkun anqas minn mitt lira Maltija".*

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fit-12 ta' Gunju 1989, fuq talba tal-konvenut *nomine*, il-Qorti tal-Kummerc ordnat il-hrug ta' zewg mandati kawtelatorji – mandat ta' impediment ta' safar kontra persuna fl-ismijiet **"Joseph Pace noe vs Joseph Borg"** bin-numru 1225/89 u l-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet bin-numru 1226/89 (fol. 5 *et sequitur* u fol. 8 *et sequitur* rispettivament) u li dawn inhargu fit-12 ta' Gunju 1989 fuq il-kawzali li s-socjeta' konvenuta odjerna kienet sofriet danni fl-ammont ta' Lm30,000 minhabba l-allegat hrug b'qerq tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 6/89 fl-ismijiet "Joseph Borg et nomine vs Joseph Borg nomine" fl-20 ta' April 1989.

Illi jirrizulta illi l-attur jallega li ssellef l-ammont ta' €69,881 (ekwivalenti ghal LM30,000) minghand JEM Investments Limited, skont huwa bl-interess ta' 8% sabiex dawn jigu ddepozitati taht l-awtorita` tal-Qorti sabiex l-istess somma taghmel tajjeb ghall-mandat ta' impediment ta' partenza ghalkemm l-azzjoni tallum ma hijiex dik ta' danni. Sussegwentement u cioe` fis-16 ta' Jannar 1997, il-mandat ta' impediment ta' partenza ma giex prorogat u ghalhekk inhareg il-kontro-mandat relattiv bin-numru 230/97. Jidher fil-fatt illi wara r-rikors ghal zbank tal-20 ta' Jannar 1997, l-attur zbanka d-depozitu li kien ghamel. Jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi anke l-mandat ta' sekwestru llum m'ghadux fis-sehh.

Illi jinghad li mentri fic-citazzjoni attrici l-attur qed jikkontendi li tali mandat jew mandati inhargu ingustament, vessatorjament, u b'qerq, fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu tat-18 ta' Gunju 2008 huwa qed jibbaza l-argumenti tieghu fuq il-bazi li qed jaghmel l-azzjoni attrici ghaliex il-mandat ta' impediment tas-safar ma giex ipprorogat skont il-ligi u s-socjeta' konvenuta eventwalment ammettiet it-talbiet attrici kontenuti fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Borg proprio et nomine vs Joseph Pace nomine"** (Citaz. Nru 512/89/NC), li kienet kawza ta' danni kontra s-socjeta' konvenuta odjerna li saret mill-attur *proprio et nomine* wara l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 6/89, u li dwarha llum stess din il-Qorti tat is-sentenza taghha. Pero' din il-Qorti thoss li xorta wahda jirrizulta li l-impostazzjoni tal-kawza treggi ghaliex l-allegazzjoni hija li s-socjeta' konvenuta ma kellhiex ebda bazi sabiex tohrog il-mandati mertu tal-kawza odjerna, u li tali mandati nhargu b'mod abusiv u fl-ahhar mill-ahhar b'qerq ghaliex kienu biss intenzjonati bhala ritaljazzjoni talli l-attur *proprio et nomine* hareg il-mandat 6/89 ( u dan indipendentement dwar id-determinazzjoni definittiva tal-azzjoni li segwiet l-istess mandat).

Illi jidher ghalhekk li f'dan l-istadju l-argument principali tal-attur illi fuqu qieghed isejjes it-talbiet tieghu huwa li bin-nota ta' ammissjoni tal-konvenutipprezentata fil-kawza bin-numru 512/89 ghat-talbiet attrici hemm kontenuti tkompli turi l-animu illi bih huwa talab il-hrug ta' dawn iz-zewg mandati, u/jew tal-mandat ta' partenza in partikolari.

Illi din il-Qorti tirrileva li l-provi f'din il-kawza huma li huma, izda fl-istess waqt hija ma tistax ma tiehux konjizzjoni ta' dak li rrizulta u sar fil-kors tal-kawza deciza llum Citaz. Nru.512/89 li ghaliha din il-Qorti qed taghmel riferenza biss in kwantu l-istess tista' tkun relevanti sabiex tigi determinata din il-kawza, nkluz dwar din l-allegata ammissjoni tas-socjeta' konvenuta odjerna ghat-talbiet attrici f'dik il-kawza, li tikkontrasta sew ma' l-agir tal-istess socjeta' konvenuta kemm bil-hrug tal-mandati mertu ta' din il-kawza odjerna, u mal-agir tal-istess socjeta' konvenuta f'dik il-kawza. Dan ma jfissirx li l-ezitu tal-kawzi huma identici, anzi l-talbiet fiz-zewg kawzi huma ta' natura

differenti, izda certament din il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-istess agir tal-partijiet f'din il-facenda kollha u tar-rizultanzi gudizzjarji u dan in kwantu relevanti ghad-determinazzjoni ta` din il-kawza.

Illi huwa fid-dawl ta' dan, li s-sottomissjonijiet tal-attur jridu jigu kkunsidrati u dan huwa iktar sinfikanti meta f'din il-kawza hemm ix-xhieda ta' Joseph Pace fl-affidavit tieghu datat 15 ta' Mejju 2001, li imkien fiha ma jindika ghaliex inhargu tali mandati mertu tal-kawza odjerna; infatti f'dawn l-atti processwali ma hemm l-ebda prova, anke minima, tal-allegati danni li allegatament is-socjeta' konvenuta sofriet kawza tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 6/89, kawzali li ntuzat sabiex inhargu l-mandati mis-socjeta' konvenuta fil-kawza odjerna.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kuntest, u mil-mod kif agixxiet is-socjeta' konvenuta, u d-direttur taghha, jirrizulta li l-mandati in kwistjoni nhargu biss bhala reazzjoni ghaliex l-attur *proprio et nomine* hareg il-Mandat ta' Inibizzjoni 6/89, (indipendentement mill-fatt jekk l-attur *proprio et nomine* kellux ragun jew le fuq id-dritt sostantiv mertu tal-istess mandat - ara **"Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut"** (P.A.) (T.M.) – 5 ta' Gunju 2003), ma jirizultax li tali Mandat ta' Inibizzjoni Numru 6/89 gie mahrug b'qerq mill-attur odjern, u dan anke in vista ta' dak li allura qal Joseph Pace stess fix-xhieda tieghu ndikata.

Illi jsegwi mill-atti processwali odjerni li ma jirrizultax li gie ppruvat li l-istess socjeta' konvenuta kellha xi bazi legali kwalunkwe li almenu tidher *prima facie* sabiex titlob il-hrug ta' tali mandati mertu ta' din il-kawza, ghaliex l-unika raguni plawsibbli f'dan ix-xenarju kollu hija li l-istess Joseph Pace *nomine* hareg l-istess mandati kawtelatorji mertu tal-kawza odjerna biss sabiex jirribatti l-Mandat ta' inibizzjoni li hareg kontra tieghu l-attur *proprio et nomine*, tant li ma jidhirx li l-istess mandati kawtelatorji mertu tal-kawza odjerna, u mahrugin mis-socjeta' konvenuta, ghandhom xi bazi legali jew fattwali, izda biss hargu sabiex jivvessaw lill-attur *proprio et nomine*. Fil-fatt bl-ebda mod f'din il-kawza ma jidher li l-istess socjeta' konvenuta ppruvat tiggustifika l-hrug tal-istess mandati

kawtelatorji u dan minkejja dak ritenut fir-raba' eccezzjoni taghha (fol. 26). Fil-fatt tali eccezzjoni ma giet bl-ebda mod ippruvata, anzi jista' jinghad li ma sar l-ebda tentattiv sabiex dan isir, u addirittura ix-xhieda ta' Joseph Pace fuq citata hija kontradittorja ghall-istess.

Illi dan kollu qed jittiehed fl-isfond ta' kif kienet il-posizzjoni legali fil-mument li giet ipprezentata l-azzjoni attrici u allura qabel l-emendi li saru attwali bl-**Att XXIV tal-1995,** fl-**artikolu 836 tal-Kap 12** fejn din il-posizzjoni giet kristallizzata fis-sentenza fl-ismijiet **"Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri"** (P.A. J.S.P. 10 ta' Jannar 1992) fejn gew ri-affermati s-segwenti principji:-

(a) Illi huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima *"qui suo iure utitur, non videtur damnum facere"*, bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.

(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.

(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. *"Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca"* **("Demajo vs Page"** - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895**)** Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.

(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' **("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima"** - A.C. - XXXIX. I. 24) naxxenti minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravament kolpuza ("**Agius vs Dott. Carbone nomine"** -

XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "*priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite".* **("Mugliette vs Bezzina"** - XXVI. I. 405); **Visual & Sound Communications Limited vs Mario Camilleri et** (P.A. (R.C.P.) – 28 ta' Frar 2002).

(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuso … … riteniamo che basta, per prottegere tutti gli interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi " chi agisce in mala fede o ad in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..". (***Baudry - Lacantinerie. - Trattato Prattico di Diritto Civi**le - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg. 560).

Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawza huwa jekk il-konvenut *nomine* kellux *prima facie* bazi guridika li fuqha seta` jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt *per se* ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipprotegi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-posittiv li r-rikorrenti (l-konvenut *nomine* odjern) kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja il-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni **"Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd"** (P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001) *"Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser tirnexxi, ghaliex id-*

*determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu".* Tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Cammast Ltd vs Joseph E Gauci et**" ( P.A. (RCP) 31 ta' Mejju 2000).

Illi kif inghad fis-sentenza "**SN Properties Limited vs George Camilleri"** (P.A. (RCP) 6 ta' Gunju 2000) din il-Qorti sostniet li kif stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi fuq imsemmija bl-**Att XXIV tal-1995**, ikun hemm abbuz fil-hrug ta' mandati kawtelatorji, f'kazijiet meta tali mandati jkunu hargu b'mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana.

Illi fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti thoss li s-socjeta' konvenuta odjerna ma kellha ebda bazi kwalunkwe sabiex titlob il-hrug tal-imsemmija mandati li nhargu mis-socjeta' konvenuta biss b'ritaljazzjoni talli l-attur *proprio et nomine* agixxa bil-mandat ta' inibizzjoni 6/89, (u dan indipendentement milli jekk efffetivament u fl-ahhar mill-ahhar tirnexxiex l-azzjoni li saret wara l-hrug ta' l-imsemmi mandat) u ghalhekk din il-Qorti thoss li f'din il-kawza jirrizulta li l-istess mandat ta' impediment tas-safar gie rikjest mis-socjeta' konvenuta b'qerq kif kien previst fl-**artikolu 866 (1) tal-Kap. 12** u hemm lok li tigi mposta penali skont l-istess artikolu.

Illi din il-Qorti thoss li gie ppruvat mill-fattispecie kollha tal-kaz odjern li s-socjeta' konvenuta talbet il-hrug ta' dawn il-mandati sempliciment b'mod abusiv u b'qerq u mhux sabiex l-istess socjeta' konvenuta tezercita d-drittijiet taghha skont il-ligi (**"Emanuele Calleja vs Carmelo Grima** (A.C. - XXXIX. I. 24); **Agius vs Dott. Carbone nomine** (XIII. 434 - 10.4.1890); **Mugliette vs Bezzina** – (XXVI. I. 405)). Illi f'dan il-kaz il-Qorti hija konvinta li s-socjeta' konvenuta bil-hrug tal-istess mandat/i eccediet id-dritt ta' l-ezercizzju tad-drittijiet taghha, anke tad-dritt ta' azzjoni u dan skont dak ritenut fis-sentenza **"Vincent Mercieca vs George Galea"** (P.A (RCP) – 29 ta' Novembru 2001) fejn il-Qorti ccitat guristi f'dan is-sens hekk kif gej:-

*"“Il diritto cessa dove comincia l’abbuso … … riteniamo che basta, per prottegere tutti gli interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa’, di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti”.*

*Illi applikat dan il-principju ghad-dritt ta’ azzjoni kontra persuna jfisser illi “ chi agisce in mala fede o ad in seguito ad un grossolano errore, puo’ essere condannato a pagare un’ indemnita’ al suo avversario…..”. (Baudry - Lacantinerie. - Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg. 560).*

*Illi f’dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f’dan l-istadju tal-kawza huwa jekk il-konvenut kellux prima facie bazi guridika li fuqha seta` jagixxi sabiex johrog mandat.”*

Illi fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel u t-tielet talbiet attrici huma gustifikati, u ghalhekk timponi hlas ta’ penali pagabbli mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hames mitt ewro (€500).

Illi ghal kompletteza jinghad li in kwantu ghall-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenut *nomine,* cioe` li s-socjeta` konvenuta Terry Limited ma tistax taghmel atti *ex delicto* iktar u iktar b’qerq jew b’dolo, il-Qorti ma tikkondividix dan il-hsieb u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti illi entita` kummercjali fil-fatt ghandha responsabbilta` anke *ex delictu* (ara f’dan is-sens fost ohrajn **“Registratur tal-Qrati Superjuri vs Silvio Camilleri pro et noe”** (P.A.)(R.C.P) - 17 ta’ Jannar 2001); **“Anthony Ventura pro et noe vs Nazzareno Vassallo et nomine”** (P.A.) (P.S.) - 27 ta’ Gunju 2003)). Ghalhekk din l-eccezzjoni hija nsostenibbli u qieghda tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt illi **tastjeni milli tiehu konjizzjoni**

**tat-tieni talba attrici ghaliex jirrizulta li l-istess mandati m`ghadhomx in vigore,** u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma` dak hawn deciz, **tilqa’ l-ewwel u t-tielet talba attrici** biss fis-sens hawn premess b’dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-mandati kawtelatorji 1225/89 w 1226/89 ta' impediment ta' safar kontra persuna u ta’ sekwestru rispettivament hargu ngustament, vessatorjament u b'qerq.

3. Tikkundanna l-konvenut *nomine* jhallas lill-attur *proprio et nomine* il-penali *a tenur* tal-**artikolu 866 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** kif kien meta saret il-kawza odjerna fl-ammont ta’ hames mitt ewro (€500).

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------